**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

Seduta tad-29 ta' Jannar 2021

Rikors Guramentat numru 66/2019

**Eucaristico maghruf bhala Chris Cini**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghawdex**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' **Eucaristico maghruf bhala Chris Cini** fejn espona u bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi l-esponenti twieled nhar l-ghaxra (10) ta' April tal-elf disa' mija u tlieta u hamsin (1953) u dan skont kif jikkonferma c-certifikat tat-twelid tieghu hawn anness u markat bhala **Dokument A**, liema certifikat ghandu n-numru progressiv mitejn u tlieta u sebghin sbarra elf disgha mija u tlieta u hamsin (273/1953);

2. Illi kif jirrizulta mill-istess Att tat-Twelid tar-rikorrenti fil-kolonna intestata *"Ismijiet mogħtijin"* kif ukoll fil-kolonna ntestata *"Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* fil-parti relattiva ghat-*"Tagħrif dwar it-Tarbija"*, l-isem hemm indikat fiz-zewg kolonni huwa dak ta' *"Eucaristico"*;

3. Illi madanakollu ghalkemm isem ir-rikorrenti ufficjalment huwa indikat bħala *"Eucaristico"*, huwa qatt ma kien maghruf b'dan l-isem u qatt ma ssejjah b'dan l-isem. Anzi kemm mal-membri tal-familja tieghu, inkluż il-genituri tieghu, ma' shabu u anke ma' hbiebu, kif

ukoll f'dokumenti ufficjali huwa dejjem kien maghruf u gie ndikat bhal *"Chris"*

4. Illi fid-dokumenti ufficjali tal-Gvern Awstraljan fosthom ic-certifikat taz-zwieg (**Dokument B**), ic-certifikat li permezz tieghu r-rikorrenti gie moghti c-cittadinanza Awstraljana (**Dokument C**) kif wkoll il-passaport Awstraljan tieghu (**Dokument D**) huwa jinsab indikat bhala Chris Cini u mhux Eucaristico Cini;

5. Illi anke fuq dokumenti ufficjali oħra fosthom il-licenzja tas-sewqan, l-assikurazzjoni dwar saħħtu (**Dokument E**), il-karta anzjan (**Dokument F**) u anke r-Registru Elettorali Awstraljan huwa ndikat wkoll bhala "Chris" Cini;

6. Illi kemm ir-rikorrent kif wkoll martu Jennifer sive Jenny Cini qeghdin jannettu ma' dan ir-rikors guramentat l-affidavits rispettivi taghhom fejn jiddikjaraw li l-esponenti dejjem kien maghruf bhala Chris Cini u mhux Eucaristico Cini; (**Dokument G u H**);

7. Illi l-esponenti jixtieq li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid tieghu u cioe' billi fil-parti *"Taghrif dwar it-Tarbija"* taht il-kolonni intestati *"Ismijiet mogħtijin"* u "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tigi msejħa*" l-isem hemm indikat u cioe' "Eucaristico" jigi sostitwit bl-isem "Chris". Dan biex ikun jirrifletti l-istat ta' fatt li ilu ezistenti sa minn meta l-esponenti kien ghadu daqsxejn ta' tfajjel, precizament li huwa dejjem u konsistentement kien maghruf u issejjah "Chris" u mhux "Eucaristico";

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tordna li ghall-anqas hmistax–il gurnata qabel is-smiegh tal-kawza jigi pubblikat Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Iskeda annessa mal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi bih, kull minn ikollu interess jigi imsejjah sabiex jiddikjara, fi zmien hmistax–il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviz, bil-mezz ta' nota, jekk hux fi hsiebu jopponi t-talba li qed jagħmel l-esponenti permezz ta' din l-istanza u dan a tenur tal-artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Eucaristico maghruf bhala Chris Cini, att numru mitejn u tlieta u sebghin sbarra elf disa' mija tlieta u hamsin (273/1953) fis-sens li fil-parti *"Tagħrif dwar it-Tarbija"* fil-kolonni intestati *"Ismijiet mogħtijin"* u *"Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"*, l-isem "Eucaristico" jigi sostitwit bl-isem "Chris";

Bl-ispejjez kontra l-intimat u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa ic-Direttur huwa msejjah.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku ta' Ghawdex fejn espona u bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi preliminarjament, a tenur ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi l-esponenti jecepixxi illi ai termini ta' l-Artikoli 559 u 560 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti ghandha taccerta ruhha illi l-attur jgib l-ahjar prova possibbili sabiex jissustanzja l-argumenti tieghu;

3. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali ta' l-individwu. Ghall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici ntiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza;

5. Ili finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponenti, u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

   Salvi eccezzjonijjiet ulterjuri

Rat id-dokumenti pprezentati mill-attur annessi mar-rikors guramentat.

Rat illi fl-10 ta' Settembru, 2019 il-kawza ġiet appuntata ghas-smigh ghat-28 Novembru 2019.

Rat illi qabel is-smigh tal-kawza, cioe' fit-12 ta Settembru, 2019 gie ppubbikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u ghalhekk fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2020 id-Direttur konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Agnes Mizzi, Christian Damian Cini u Brian Joseph John Cini liema affidavits gew ipprezentati permezz ta' nota fis-06 ta' Mejju, 2020;

Rat id-dokumenti pprezentati man-nota msemmija.

Rat li fl-1 ta Dicembru, 2020 il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pprezenta nota in ottemporanza mal-verbal ta' l-24 ta Novembru, 2020, li permezz taghha ddikjara li la ghandu provi u lanqas kontro ezamijiet x'jaghmel.

Rat li fis-seduta ta' l-04 ta Dicembru, 2020 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar, 2021.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attur kif indikat fir-rikors qed jaghmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti dritt li kull persuna taghmel talba gudizzjarja għall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Billi kif jirrizulta mill-atti id-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba.

Illi mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car illi li l-attur dejjem kien maghruf bhala Chris u kulhadd jafu b'dak l-isem u hadd ma jsejjahlu jew jafu bl-isem Eucaristico kif imnizzel fic-certifikat tat-twelid. In vista ta' dawn il-fatti l-Qorti tqis li t-tieni talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha.

Billi ma jirrizultax xi tort jew nuqqas da parti tal-konvenut allura dan m'ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

Galdaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba tilqa' t-tieni talba ta' l–attur u tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' Eucaristico maghruf bhala Chris Cini, att numru mitejn u tlieta u sebghin sbarra elf disa' mija tlieta u hamsin (273/1953) fis-sens li fil-parti *"Tagħrif dwar it-Tarbija"* fil-kolonni intestati *"Ismijiet mogħtijin"* u *"Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"*, l-isem "Eucaristico" jigi sostitwit bl-isem "Chris".

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jkunu a karigu ta' l-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur